MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Numru 907/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**v**

**SYLVESTER CILIA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **SYLVESTER CILIA** ta' wiehed w ghoxrin sena, bin Philip u Mary nee Borg, imwieled Pieta nhar s-sitta w ta' Awissu 1985 u residenti 'Philipmar', Triq l-Grazzja, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 397285M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. B'diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2006 ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar minn Triq Galigari, Zabbar, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAR 678 ghad-dannu ta' Paul Fenech, liema serq huwa kkwalifikat

bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Awissu 2006, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar mix-xatt taht t-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari u diversi oggetti u hwejjeg ohra li l-valur globali taghhom jammonta ghal tmenin lira maltin ghad-dannu ta’ Krista Fonde;

3. Talli fl-istess data u cirkostanzi, kkommetta serq ta’ basket li kien fih hwejjeg u oggetti ohra li l-valur globali taghhom jammonta ghal tletin lira maltin ghad-dannu ta’ Rachel Falzon;

4. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Awissu 2006, ghal habta tat-tlieta w kwart ta’ wara nofsinhar mix-xatt ta’ Qui si Sana, Sliema, kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari u diversi oggetti u hwejjeg ohra li l-valur taghhom jammonta ghal tmenin lira maltin ghad-dannu ta’ Kristina Dalli;

5. Talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. Talli kkommetta diversi reati ta’ serq waqt l-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta];

7. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti mill-prosekuzzjoni u l-istqarrija minnu rilaxxjata nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Awissu 2006 esibita a fol 8 et seq tal-atti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 sabiex fin-nuqqas

t'oggezzjoni da parti tal-imputat Silvester Cilia, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 49].

Semghet lil imputat Silvester Cilia jiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta' Frar 2007 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Silvester Cilia kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 [fol 42] u kif registrata ghal darb'ohra matul is-seduta tal-ewwel ta' Frar 2007 [fol 57].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-hames [5] akkuza inghatat b'mod alternattiv ghal ewwel erbgha akkuzi.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv ghal dik ta' ricettazzjoni.
Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006, l-imputat Silvester Cilia talab li jigi nominat Ufficjal tal-Probation sabiex ihejji *pre sentencing inquiry report* dwaru [fol 42], liema talba giet milqugha mill-Qorti.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 43] fejn esibixxa sitt ritratti mehuda bhala police investigation li gew mmarkati bhala dokument SOCO [fol 45]. Qal li fil-fatt hemm tmintax il-ritratt tar-res furtiva li tinsab f'idejn il-pulizija. Esibixxa wkoll il-fedina penali tal-imputat Silvester Cilia li giet mmarkata bhala dokument CSH 4 [fol 47].

Illi l-Qorti giet infurmata permezz ta’ nota li l-Ufficjal nominat mill-Ufficju tal-Probation f’dan il-kaz kien Trevor Calafato [fol 51].

Illi permezz ta’ rikors ippresentat fir-Registru ta’ din il-Qorti, l-imsemmi Probation Officer Trevor Calafato informa lil Qorti li mill-informazjoni migbura sa dakinhar, kien hemm indikazzjoni li Sylvester Cilia kellu problemi psikjatrici li ilhom fuqu minn meta huwa kellu erbatax il-sena w ghalhekk hass il-htiega li ssir perizja psikjatrika fuq l-istess qabel ma ssir ir-rakkomandazzjoni mill-Ufficjal tal-Probation.

Illi b’digriet ta’ din l-istess Qorti, hi nnominat lil Psikjatra Doctor Joseph Cassar sabiex jassisti lil Probation Officer Trevor Calafato fir-rapport tieghu.

Illi nhar l-ewwel ta’ Frar 2007, deher **Doctor Joseph Cassar** li wara li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JC [fol 60], fuq mistoqsija tal-Qorti jekk l-imputat jgharafx l-hazin mit-tajjeb wiegeb fl-affermattiv. Xehed wkoll li l-imputat ghandu problema bl-impulsi tieghu u li b’hekk parti mit-trattament tieghu huwa li jkun fi programm ta’ rihabilitazzjoni, fejn l-istess imputat wera x-xewqa li jkun fi programm fejn ma jistax jahrab.

Illi nhar l-ewwel ta’ Frar 2007 **xehed l-Probation Officer Trevor Calafato** [fol 70] fejn wara li esibixxa r-relazzjoni tieghu [fol 72] li giet mmarkata bhala dokument PSIR, xehed li hu l-ahhar darba li kien ra lil imputat kien s-Sibt ta’ qabel u cioe nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2007.

Illi minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-Ufficjal tal-Probation irrakkomanda li l-imputat jinghata sentenza karcerarja abbinata ma element rihabilitattiv.

Illi huwa fil-fehma ta’ dan l-Ufficjal tal-Probtion, li l-Qorti ghandha taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex d-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’Kordin jaghti kull opprtunita lil imputat sabiex isegwi programm ta’ rihabilitazzjoni kontra d-droga, s-SATU, waqt li jkun segwit b’mod regolari minn psikologu u psikjatra u dan ghaliex l-

imputat ghandu jikkonfronta l-problema tal-vizzju tad-droga li hu ghandu.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi ’n vista ta’ dak kollu li gie sollevat, l-imputat ghandu jinsab hati tal-akkuzi kolha salv dik ta’ ricettazzjoni, dwar liema akkuza il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoi ulterjuri.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 28A sa 28H, 49, 50,261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279(a), 280, 281. 18, 284, 285, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u **tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat SYLVESTER CILIA ghal piena karcerarja b’mod komplessiv ta’ tlettax [13] il-xahar prigunerija ghal akkuzi kollha li taghhom sabitu hati**.

**Tordna ulterjorment li l-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal erbgha snin moghtija permezz ta’ sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tlettax ta’ Marzu 2006, tigi reza operattiva, u <u>b’hekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu globali ta’ tlett snin u xahar prigunerija</u>.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Psikjatra Doctor Joseph Cassar [fol 69] fl-ammont ta’ mija w ghoxrin [120] lira maltin u dan fi zmien xahrejn [2] mill-lum u fin-nuqqas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**

Tilqa r-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation sabiex tissolecita lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata kull ghajnuna necessarja sabiex jittratta l-problema li ghandu dwar l-abbuza mid-droga

b'dan li possibilment ikun jista jsegwi l-programm ta' rihabilitazzjoni s-SATU meta jkun il-waqt.

Taghti r-rakkomandazzjoni taghha wkoll lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex tipprovdi l-assistenza ta' psikologu u psikjatra lil imputat appena possibbli stante li s-servizz taghhom huwa rakkomandat anke mill-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------